Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 336/2011AE

**Clayton Camilleri [K.I. 210380 M]**

**vs**

**Sundream Limited [C10426]**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ghal ritrattazzjoni ta' Clayton Camilleri li permezz tieghu huwa ressaq talba a tenur tal-artikolu 811 (l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thassar is-sentenza fl-ismijiet premessi tal-24 ta' Gunju 2015 u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ritrattata li permezz taghha opponiet ghat-talba (fol. 15).

Mill-atti tal-kawza jirrizulta:-

1. Clayton Camilleri kien intavola kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talab li s-socjeta' Sundream Ltd tigi kkundannata tirrifondih is-somma ta' sitt elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€6,871.34) jew somma ohra, imhallsa lill-istess socjeta' ghax-xiri ta' magna *outboard* tal-marka Tohatsu MD90HP BEPOL TLDI, peress li l-istess mutur kellu difett latenti u dan jekk hemm bzonn wara li tigi ordnata mill-Qorti r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgh relattiv.

2. Fir-risposta[1] s-socjeta' Sundream Limited kienet eccepiet: (i) preliminarjament it-talba attrici kellha tigi respinta peress illi l-azzjoni kienet wahda redibitorja u kwindi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fil-meritu, ma kien jezisti l-ebda difett okkult fil-mutur tal-bahar mibjugh lill-attur li kien ghadu jintuza regolarment minnu; (iii) minghajr pregudizzju ghal dan, kull hsara li seta' sofra l-mutur tal-bahar mibjugh mill-konvenuta lill-attur, giet kagunata unikament minnu jew minn terzi fuq struzzjonijiet tieghu.

3. Permezz ta' sentenza datata 9 ta' Jannar 2013 il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet il-vertenza bejn il-partijiet:-

[1] Fol 12 tal-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

*"Issa fil-kaz odjern id-difett li minnu qieghed jilmenta l-attur kien fis-sens li l-mutur in kwistjoni ma kienx addattat biex jintrama fuq id-dghajsa li kellu u li dan twehhal hazin tant li meta hadu ghall-ewwel service u sabiex jinbidel l-impeller inqalghu ix-xjaten kollha u bdew johorgu d-difetti tal-mutur. Minn dak li qal l-espert nominat minnha Anthony Dalli ma jidhirx li l-attur setgha jinduna bid-difett li kellu l-mutur ghaliex kien wiehed latenti. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici billi tordna r-rexissjoni tal-kuntratt ta' akkwist li sar nhar it-18 ta' Lulju 2009 u tordna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma ta' sitt elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u erbgha w tletin centezmu (€6,871.34) u cioe' s-somma li huwa hallas lis-socjeta' konvenuta skond id-dokument C1 a fol. 18 ghall-akkwist ta' dan il-mutur u qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta."*

4. Is-socjeta' Sundream Ltd appellat mis-sentenza u fl-24 ta' Gunju 2015 il-qorti ddecidiet hekk:-

*"Stabbilit ghalhekk illi l-jum meta l-appellat seta jinduna b'dan id-difett b'mod definittiv kien ghal massimu sena wara il-bejgh, (tenut kont ukoll tal-fatt illi f'kwazi sentejn huwa kien uza il-mutur ghal 350 siegha), kwindi indubbjament il-perijodu statutorju ta' sitt xhur minn meta l-appellat seta jintenta b'success l-azzjoni ghal vizzju mohbi kien lahaq iddekorra billi bl-uzu ta' diligenza ordinarja d-difett seta' nkixef fiz-zmien meta kellha issir il-manutenzjoni tal-magna mixtrija minnu, nuqqas li ghalih ghandu jirrispondi l-appellat u hadd iktar. Kwindi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser titbieghed mil-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fis-sentenza impunjata billi d-dies scientiae kellu jirrizulta ferm qabel id-data indikata mill-Ewwel Qorti u kwindi l-ewwel aggravvju qed jigi milqugh. Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mis-socjeta' appellanti, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili, u ghalhekk tichad l-istess talba attrici."*

Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa wiehed ta' natura straordinarja u d-dispozizzjonijiet li jirregolawh huma ghalhekk suggetti ghal interpretazzjoni restrittiva, kif ritenut anke mill-gurisprudenza. Fil-kaz fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe vs Ryanair Limited** deciza minn din il-qorti fis-27 ta' Mejju 2015[2], intqal hekk:-

*"Jinhass utili illi qabel ma l-Qorti tikkoncentra fuq il-motivi invokati ghar-ritrattazzjoni illi tissottolinea dan il-principju fundamentali li jirregola l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-istitut tar-ritrattazzjoni:-*

*'Il rimedio della ritrattazione e' ammesso soltanto nei casi tassattivamente stabbiliti dalla*

[2] Rik 897/09.

*legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle lite'.*[3]

*Dan ghaliex "r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza*[4]*".*

Skond l-Artikolu 811 (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li a bazi tieghu ir-ritrattand qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni:

***"811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
*……*
*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."*

Ghaldaqstant sabiex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni minhabba zball ta' fatt, il-qorti trid tkun ibbazat id-decizjoni fuq fatt li ma jezistix jew alternattivement ibbaza l-gudizzju tieghu fuq il-presuppost tal-inezistenza ta' fatt li kjarament jirrizulta mill-atti. Fi kwalunkwe kaz ritrattazzjoni m'ghandha qatt tintuza sabiex tintalab interpretazzjoni tal-fatti b'mod differenti minn dik li tkun tat il-qorti fis-sentenza.

Fil-kaz **Micro Technology Consultancy Limited vs Maria Dolores Vella Camilleri et**[5] intqal hekk:-

*"Illi in tema legali jinsab ritenut fil-kawza App.Civ. Joseph Grech vs Joseph Bowman*[6]*: L'errore che puo` costituire motivo di ritrattazione dev' essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione (Vol.XXV.I.139)" Mortara jispjega: ".. l'errore di fatto e` un vero errore dei sensi, il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste od ha fondato la sua convizione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell' intelletto sulle carte del processo" [Vol.1C p.404).*

---

[3] Giuseppe Luigi Bonnici – vs- Dottor Carlo Galea Naudi, Appell Civili, 3 ta' April 1922.

[4] Rev. Sacerdot Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina", Appell Civili, 18 ta' April 1958.

[5] App. Nru. 1194/2002/2, deciza fid-29 ta' Novembru 2007.

[6] Vol.LXXXI.II.653.

*Biex zball ta' fatt jaghti kawza ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza jehtieg [Mattiriolo Vol.IV p.825]: illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni; ikun jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball; li l-istess zball ikun manifest, tali li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant; l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant – jigifieri l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk dina ghalkemm ivvizjata minn zball ta' fatt manifest tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjata." [Gaetano Mifsud vs Gaetano Zahra – 18 Gunju 1954]."*

Fil-fehma tar-rikorrent, l-izball li sar minn din il-qorti kien li kkonkludiet li d-difett fil-mutur seta' nkixef qabel li kieku ha l-mutur ghas-service skont ir-regoli tal-manifattura, u cioe' sa massimu ta' sena wara l-bejgh u mhux wara kwazi sentejn. Dan meta skont ir-rikorrent, ir-rapport tekniku[7] stabilixxa minghajr ombra ta' dubju li d-difett ma kienx ser jinkixef li kieku r-rikorrent ha l-mutur in dezamina ghas-servizz ta' rutina. Skond ir-rikorrent sabiex jinkixef dan id-difett kellu jsir ezami appozitu. Hu jghid li d-difett kien mohbi fl-*impeller* tal-mutur, li jinsab gewwa s-sieq tal-mutur, liema mpeller kellu jinbidel kull sentejn.

Analizzat dan l-ilment tar-rikorrent fl-isfond tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Gunju 2015 u tal-bqija tal-atti din il-Qorti tqis:-

i. Mir-rapport tal-espert tekniku ma jirrizultax li kien hemm xi difett mohbi fl-*impeller* innifsu tal-mutur. Il-problema qamet anzi <u>wara</u> li tbiddel dan l-*impeller*: "*Wara li biddel l-impeller, il-mechanic illubrika l-isplines tad-drive shaft biex jerga' jpoggi s-sieq lura. Id-drive shaft ma dahalx f'lis-splines tal-crankshaft. Id-drive shaft dahal biss 2 centimetri gol-crankshaft u xejn aktar*[8]*."* Minn dak li kompla jirrelata dwaru l-espert tekniku l-problema li rrizultat kienet dik relatata mad-*drive shaft* tal-outboard motor fis-sens li minkejja diversi tentattivi li saru, inkluz b'lubrikant, dan ma bediex jidhol lura f'postu. Seta' jidhol biss wara li titnehha l-magna kull darba, jitpogga d-*drive shaft* u wara terga' titnizzel il-magna. L-espert tekniku kien tal-fehma li ma kienx hemm "*clearance bizzejjed bejn l-isplines tad-drive shaft u l-isplines tal-crankshaft tal-magna."*

[7] Fol 85 et seq tal-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

[8] Fol 89 tal-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

ii. Id-diskors li s-*service* tal-mutur kellu jsir kull sena u l-bdil tal-*impeller* kellu jsir kull sentejn[9] jirrifletti biss il-verzjoni moghtija lill-espert tekniku minn Clayton Camilleri ta' dak li skont hu ntqal lilu minn Nikol Chetcuti[10]. Dan ma jistax jitqies bhala stat ta' fatt kif jinsinwa r-rikorrent, anzi huwa ben kontestat minn Nikol Chetcuti nnifsu li fl-affidavit qal: *"Skont il-manufacturer's warranty guidelines, li taghhom ghandu kopja r-rikorrent, il-mutur kellu jsirlu service kull 150 siegha u jinbidlulu certu consumable parts bhalma huwa l-impeller"*[11]. Dak li qal Chetcuti fl-affidavit huwa konfermat mill-estratt tal-*warranty guidelines*[12] li juri li "*s-servicing interval*" kellu jkun "*every 150 hours or 1 year*" u li l-impeller kellu jinbidel kull 12 il-xahar (fol. 112). Fir-rigward tal-*water pump*, ghal kull 150 siegha jew kull sena, ghandu jinbidel jekk necessarju. Pero' f'kull kaz skond l-istess *manual* ghandu jsir: *"check for wear or damage"* tal-*water pump* (fol. 112). Dan hu parti mis-service li jrid isir mill-inqas kull 150 siegha jew kull sena. Ghalhekk m'huwiex korrett ir-rikorrent meta fir-rikors promotur argumenta li kieku ha l-mutur ghas-*service* kif ghalqet l-ewwel sena, ma kienx ser jinkixef id-difett. Is-service wara kull sena jinkludi li tigi ccekjata l-*water pump* ghal *"wear or damage"* u li jinbidel l-impeller. Sabiex isir dan ix-xoghol trid titnehha l-parti t'isfel tal-*outercasing* tal-mutur. Process li fil-fatt sar fl-ewwel *service* u li minnu nkixef id-difett (ara service report a fol. 110).

iii. Bhala stat ta' fatt irrizulta li r-rikorrent xtara l-mutur *outboard* fit-18 ta' Gunju 2009[13]. Hadu l-ewwel darba ghas-*service* f'April 2011 u nstab li sa dak iz-zmien kien intuza 350 siegha.

iv. Fl-ezercizzju li ghamlet din il-qorti ma jirrizultax li hemm zball. Il-Qorti ma njoratx dak li qal l-espert tekniku u cioe' li *"avolja ma sar l-ebda service wara 150 siegha, dan ma kellux effett fuq il-problema li s-sieq tal-outboard ma setghetx tidhol fil-magna."* Anzi hija nnutat dan il-fatt b'tipa grassa fis-sentenza taghha[14]. Dak li ghamlet l-istess Qorti izda kien li nnutat li dan il-kumment kien wiehed maghmul biss f'kuntest tekniku u ma kienx jindirizza l-kuntest legali ghal finijiet ta' dekadenza li l-Qorti kienet mitluba tiddeciedi dwarha Il-qorti kellha tikkunsidra il-kwistjoni legali dwar jekk id-difett fil-mutur, setax jinkixef qabel minn meta fil-fatt inkixef. Ghal dak li jikkoncerna d-dekadenza fl-actio redhibitoria, l-Artikolu 1431(2) jipprovdi li: *"Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief* ***minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef***

[9] Fol 88.

[10] Dan id-diskors jifforma parti mit-Titolu *"Storja skont is-Sur Clayton Camilleri"* fir-rapport tal-espert tekniku.

[11] Affidavit Nichol Chetcuti a fol 105 paragrafu 8.

[12] A fol 112.

[13] Fol 18.

[14] Pagna 20 tas-sentenza.

***dak id-difett***".

v. Mill-provi rrizulta li d-difett gie nnutat meta kien qieghed isir is-*service* fuq id-dghajsa, li kien jinkludi t-tibdil tal-*impeller*. L-ewwel darba li r-rikorrent ha l-mutur ghas-*service* kien f'Marzu 2011, meta l-mutur xtrah f'Gunju 2009. Kien ghalhekk li l-Qorti kkonkludiet illi kieku r-rikorrent agixxa ta' *bonus paterfamilias* u ha l-mutur ghas-service, dan id-difett seta' gie skopert hekk kif ghalqet l-ewwel sena minn meta xtara l-mutur. Dan meta skond il-*manufacturer's warranty guidelines* is-service li jinkludi t-tibdil tal-impeller, kellu jsir **kull sena**.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tikkonkludi li m'hemmx zball ta' fatt li jista jwassal ghal ritrattazzjoni tal-kawza a bazi tal-paragrafu (l) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu**.

Anthony Ellul